**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1609/00JR**

**Pauline Cilia**

**vs**

**Mark u M'Anne Testa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm204.20), valur ta' ghaxar kambjali (Dok.A sa J) ta' Lm20.42 l-wahda, li skadew kull xahar bejn l-14 ta' Awissu, 1999 u l-14 ta' Mejju, 2000, u li gew girati f'isem l-attrici minn Blye Engineering Co. Ltd.. Intalab ukoll l-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma derhu.**

**Semgha x-xhieda ta' Pauline Cilia li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' mitejn u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm204.20), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**